# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 18*

***3.00p.m 11 t'Awissu 2020***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa u sar użu mill-messanger ukoll.

### *18.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

18.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *18.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

18.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 16 u tal-Laqgħa Urġenti numru 17. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

18.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li permezz tal-Community Workers Scheme l-Kunsill irċieva ħaddiem ġdid, Jonathan Hili, li beda' xogħol mall-Kunsill min nhar l-4 t'Awissu, u ser ikun qed jagħin lill-John Vassallo f'xogħol relatat ma maintenance sew fuq ġewwa u fuq barra tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li permezz ta' din l-iskema l-Kunsilli ma jħallsu xejn għal din l-iskema, jgħatu biss bonus darba fis-sena.

18.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħalma jista' jinnotta kulħadd il-problema tal-knis fit-toroq tal-Marsa qegħda terġa tiżdied, dan wara li matul ix-xhur li għaddew kien hemm il-ħaddiema tal-OZO li ssa spiċċaw min mall-Kunsill, u b'hekk il-Kunsill reġa' ġie b'żewġ kenniesa kif konna. Sadanittant, is-Sindku qal li huwa talab l-għajnuna tal-Cleansing, u dawn ser ikunu qed jagħmlu tindif regolari mill-Open Centre sa Triq Feliċjan Bilocca. Huwa qal ukoll li fil-futur ser ikun qed jitlob lill-Community Worker Scheme sabiex bħalma jsir f'Kunsilli oħra jibgħatu persuni min din l-istess skema speċifikament fuq tindif tat-toroq.

18.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Minitru tal-Ambjent l-Onorevoli Aaron Farrugia laqa' t-talba tal-Kunsill għall-laqgħa u din ġiet skedata fis-7 ta' Settembru fil-11.30a.m fil-bini tal-Ministeru tiegħu.

18.3.4 Finalment is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar l-issue tal-itlajjar fuq xogħol illegali l-Kunsill kellem lis-Sur Bernard Zarb li huwa fit-taqsima tal-enforcement tal-immigranti u li għandhu informazzjoni ċara dwar il-problema tal-itlajjar peress li huwa stess għandhu membri tal-familja tiegħu joqgħodu fil-lokalita' u hu stess jkun fiż-żona ta' spiss. Il-Kunsill ser ikompli jzommu infurmat dwar din il-problema sabiex ikun hemm l-infurzar li hemm bżonn.

## *18.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

18.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa jekk hemm xi rotot partikolari li bihom jaħdmu l-kennniesa peress li hemm diversi toroq li jdumu ma jsiru. Apparti hekk l-Kunsillier staqsa jekk huwa possibli li l-għaqdiet tal-lokal ikunu nvoluti għaż-żamma tal-indafa fil-lokalita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma li iva l-kenniesa għadhom l-obbligu li jżommu mar-rottot li hemm imniżżla fit-tender. Sadanittant, dwar l-involviment tal-għaqdiet is-Sindku qal li l-Kunsillier jistgħa jmexxi fuq din il-proposta u jkellem lill-għaqdiet sabiex jara r-response li jkollu.

18.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri xtaq iressaq proposta sabiex titwaħħal '*cigarette bin'* faċċata ta' Trinity Pharmacy. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar il-laqgħa mall-Inspettur, meta din ser issir. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta dwar is-'*cigarette bin'* għax ser tkun qed tgħin għall-indafa fil-lokalita'. Dwar il-laqgħa mall-ispettur il-Kunsill ser ikun qed jassigura li din il-laqgħa issir u ser inkunu qed ninfurmaw lill-Kunsilliera fil-gimgħat li ġejjin.

18.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-one-way li hemm fiż-żona tal-korsa, u dak li sar min Transport Malta u l-pożżiżjoni tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li l-kwistjoni hija primarjament dwar triq waħda li mis-CentreParc u tmur għall-Pavi. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li fid-diskussjonijiet li l-Kunsill għamel ma Transport Malta kien evidenti li xi ħaġa kellha ssir minħabba s-sitwazzjoni li nħolqot fejn karozzi jistgħu jidħlu min erbgħa toroq u joħorġu min waħda biss. Naturalment il-negozjanti jixtiequ iktar karozzi, madankollu r-residenti flimkien mall-Kunsill dejjem xtaqu li jonqsu l-karozzi sabiex titjib il-kwalita' tal-ħajja tar-residenti. Madankollu, it-titjib kien wieħed sostanzjali wara li saru dawn it-tibdiliet. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li kien ikun ferm aħjar jekk il-Kunsill kien ikun infurmat b'dawn it-tibdiliet qabel ma dawn ġew diskussi ma Transport Malta. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono rrimarka li dawn id-direzzjonijiet il-ġodda kellhom jiġu bħala avviż mall-gazzetta tal-Gven min Transport Malta, nikkonsultaw mar-residenti, negozji u jkun hemm wkoll one way bil-ħinijiet. Is-Sindku kkonkluda billi qal li filwaqt li kien hemm titjib fl-akwata tal-korsa huwa veru wkoll li kien hemm xi nuqqasijiet li setgħu faċilment jiġu evitati.

18.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qed jissuġġerixxi li r-residenti fl-akwata tal-korsa jintbgħatilhom kwestjonarju dwar jekk it-tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku ħalliex impatt pożitiv għalihom. Dan ikun indikattiv għall-Kunsill dwar jekk it-tibdil kienx wieħed għall-aħjar. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta u l-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuqha iżda l-ewwel iridu naraw kif ser tiżvolġi l-istorja u x'rispons ser ikollna mir-residenti.

18.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono rrimarka li minkejja li bħalissa hemm appell dwar it-tender tal-knis, iridu jittieħdu deċiżjonijiet fl-interess tal-lokal minħabba s-sitwazzjoni tal-knis fil-lokalita'. Il-Kunsillier irrimarka wkoll li għandhom jerġaw isiru tabelli bil-miktub bħal fi Triq Feliċjan Bilocca fuq il-bye law tax-xorrb u għandhom isiru notifiki dwar id-distanza soċjali bħal sar xi ftit xhur ilu minħabba l-imxija tal-Covid-19. Is-Sinkdu s-Sur Josef Azzopardi qal li l-process tat-tender huwa dak li hu u l-Kunsill ma jistgħax jaqbeż dan il-proċess. Dwar it-tabelli qal li l-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuqhom sabiex isiru.

18.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono xtaq isaqsi għaliex il-Kunsill ma ressaq l-ebda proposta dwar żoni pedonali meta l-Kunsill anke f'leġislaturi preċedenti ħadem biex dawn isiru. Huwa staqsa wkoll għaliex il-Kunsill ma applikax għall-iskema tal-Urban Greening. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li dwar il-proposta ta' Slow Street il-Kunsill mexa' id f'id mar-Reġjun Xlokk u mall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, liema spejjeż tal-perit ser ikunu mħallsa mir-Reġjun u din l-item ser titla' fil-laqgħa li jmiss. Dwar l-iskema tal-Urban Greening il-Kunsill ma rċieva ebda informazzjoni.

18.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li tela' artiklu dwar ħmieġ fil-Marsa fuq il-PBS, u huwa importanti li l-Kunsill hemm bżonn li joħroġ stqarrija u wieġebn għal dan l-artiklu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed iwieġeb illejla stess, liema artiklu ser jintbgħat lill-Kunsilliera u jekk hemm qbil il-Kunsill ser ikun qed imexxi fuqu.

## *18.5 Kunsiderazjoni* **u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

18.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 08/2020 annessa. Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti..

### *18.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

18.6.1 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill matul dan il-perjodu.

## *18.7 Tender tiżjin tal-Milied*

18.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wasal biex jerġa joħroġ it-tender tat-tiżjin tal-Milied permezz ta' e-quote fuq is-sistema elettronika tal-ePPS. Is-Sindku qal li fit-tender ser ikun hemm stima ta' kemm ser tkun tiswa kull triq fosthom Nerik Sacco, Zerafa, Balbi u l-Pont San Tumas. Il-kuntrattur permezz ta' dan it-tender ser ikun obbligat li jagħmel insurance u li kull sena jagħmel armar ġdid bl-approvazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll li l-armar jiżżejjen mill-1 ta' Diċembru u jiżżarma fis-6 ta' Jannar. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono spjega li il-kuntratturi jkollhom permess speċjali meta tixgħel u titfi l-armar. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li anke l-għaqdiet fil-lokalita' għandhom jagħmlu tibdil permezz ta' diżinji ġodda fl-armar ta' kull sena. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *18.8 Deċiżjoni dwar Deputat Segretarju*

18.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill huwa obbliġat bil-liġi li jkollu Deputat Segretarju li jaħdem fil-Kunsill f'każ li jkun hemm in-nuqqas tas-Segretarju Eżekuttiv. Wara diskussjoni mall-amministrazzjoni ġie miftiehem li s-Sinjura Dillian Adami ser tkun qed tokkupa din il-kariga. Dan mhux ser isarraf f'żieda fil-paga, u l-għażla tas-Sinjura Adami saret purament minħabba li hija l-iktar persuna li ila taħdem il-Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *18.9 Bye Law dwar il-kiri tas-Sala*

18.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq fuq il-mejda tal-kamra dettalji ta' bye law dwar il-kiri tas-sala tal-Kunsill, fejn din tkun tista' tiġi uffiċjalment mikrija b'kategoriji differenti, fejn fost affarijiet oħra l-għaqdiet tal-lokal ikunu jistgħu jużaw is-sala b'xejn. Il-Kunsill ser ikun qed jibgħat draft lill-avukat tad-Dipartiment sabiex din il-bye law tkun iffinalizzata. Kien hemm diskussjoni dwar it-tariffi, hekk kif il-Kunsill jixtieq li jkollu d-diskrezzjoni ta' kemm iżomm skond il-portata tal-kumpanija li tkun ser tagħmel użu mis-sala. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jikkonsulta mall-avukat tad-dipartiment sabiex naraw jekk dan jistgħax isir. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *18.10 Bankini ta' Triq San Mikiel u Triq l-Għabex*

18.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li hemm bżonn isiru l-bankini ta' Triq San Mikiel u Triq l-Għabex. F'din ta' l-aħħar attwalment m'hemmx bankina u din trid titfassal mill-Perit filwaqt li Triq San Mikiel ila ma saret u hemm bżonn issir mill-ġdid. Filwaqt li attwalment m'hemmx costings ta' dawn il-bankini, l-kuntratur għad l-ewwel irid jlesti l-bankina ta' Triq Nerik Sacco, li damet ma titkompla minħabba li l-kuntrattur kellu jġib xi permessi min Transport Malta biex jaħdem. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *18.11 Tender ta' Contracts Manager*

18.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed joħroġ tender ta' Contracts Manager hekk kif din hija stipulata fil-liġi. Il-ħlas ta' contracts manager joħroġ direttament mill-fondi tal-Kunsill wara li s-sena li għaddiet tneħħew il-contract fees tal-5% min fuq it-tenders kollha. Wara diskussjoni dwar il-valur li jkun hemm contracts manager is-Sindku emfasizza li kull Kunsill huwa obbligat bil-liġi biex ikollu dan u ma nistgħux neżentaw min dan l-obbligu. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat, il-vot favur kien unanimu.

## *18.12 Outstanding Balance – C&F Contractors*

18.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din it-tema trid titla' f'seduta oħra hekk kif sall-lum il-Kunsill ma rċieva l-ebda dettal dwar il-final costings min naħa tas-C&F Contractors. Qed nittamaw li sas-seduta li jmiss il-Kunsill ikun jista' jieħu deċizjoni dwar dak li jista' jibda' jitħallas u dawk il-pagament li ser ikunu qed jinżammu minħabba xogħol ħażin. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *18.13 Update Teatru Gallerija*

18.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer sabiex jispjega x'jista' jsir għal din l-attivita' fid-dawl taċ-ċirkustanzi marbuta maż-żieda tal-Covid-19. Il-Kunsillier qal li minħabba ċ-ċirkosatanzi tal-Covid-19 ma tkunx ideja tajba jekk din l-attivita' ssir kif ippjanat fil-gimgħat li ġejjin iżda nanaliżżaw dan li ser jgħidulna l-awtoritajiet tas-saħħa u mmexxu fuqhom il-quddiem. Is-Sindku qal li b'hekk din l-attivita' hija on-hold, bħalma hija on hold l-attivita' tal-anzjani. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *18.14 Bini ta' ħajt tal-Vaska 6 t'Awissu*

18.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi għarraf lill-Membri tal-Kunsill li dwar il-vaska 6 t'Awissu diġa' beda' x-xogħol fuq il-pompi, iżda wasal iż-żmien li jsir ix-xogħol fuq il-ħajt isir. Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-kamra l-istima tal-kuntrattur sabiex jitraġa dan il-ħajt, liema ammont huwa ta' aktar €5,000. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *18.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

18.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.20pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' Settembru fit-3.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |